MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Numru 1752/2005

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Gatt Paul**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fil-20 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta'erba mija u wiehed u erbghin lira maltija (LM441.00), kwantu ghal Lm403 prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata, kwantu ghal LM38 bhala interessi, bl-imghaxijiet ulterjuri u bl-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fid-29 ta' Settembru 2006, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' erba mija u wiehed u erbghin liri maltin (LM441.00) bl-imghaxx ulterjuri u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------